MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 369/1992/2

**Salvatore Abdilla**

**vs**

**Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet u Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fl-24 ta'

Novembru, 1995. Ir-rikors promotorju, prezentat fit-3 ta' April, 1992, jghid hekk:

"1. Illi l-esponent kien proprjetarju ta' Razzett u bicca art li jaghtu fuq Notabile Road, Zebbug.

2. Illi l-ischemes tal-gvern relativi ghall-area in kwistjoni jaffettwaw minimament biss lill-esponent.
3. Illi zmien ilu l-awtoritajiet dahlu fil-proprjeta` tal-esponent, waqqghu parti sostanzjali minnha, regghu bnewha fejn u kif dehrilhom u hadulu 136.1 metri kwadri minnha.

4. Illi dan sar illegalment u mhux in forza ta' xi ligi.

5. Illi sussegwentement bis-sahha ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta Numru 78 tas-27 ta' Jannar, 1986, gie dikjarat illi din l-art ga mehuda kienet mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghall-skopijiet pubblici.

6. Illi din l-art ma ittiehditx ghal xi skop pubbliku, imma biex tigi avvantaggjata persuna ohra ben maghrufa biex din tkun tista' tisfrutta kummercjalment il-proprjeta` taghha. It-triq li giet ippjantata wara it-tehid tal-proprjeta` tal-esponent giet mibnija b`mod li tikkrea perikolu pubbliku imma li tippermetti lil din it-terza persuna tiftah petrol station.

7. Illi t-tehid materjali tal-proprjeta` tal-esponent qabel l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President jikser l-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni li jipprevjedu li kull tehid ta' proprjeta` u kull dhul fil-post privat jista' jsir biss skond il-ligi.

8. Illi id-Dikjarazzjoni Nru 78 tal-1986 tal-President fuq imsemmija tikser l-istess zewg artikoli tal-Kostituzzjoni in kwantu it-tehid tal-proprjeta` ma sarx ghal skop pubbliku kif rikjest mil-ligi u d-dhul fil-post tal-esponent ma jistax ikun gustifikat skond l-Art 38(2) tal-Kostituzzjoni.

9. Illi ic-cahda kontinwata lill-esponent tat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu tikser ukoll l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onor. Qorti joghgobha taghti dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi mehtiega biex jigi zgurat fil-konfront tieghu it-twettieq tal-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, fosthom billi:

a. tiddikjara li t-tehid tal-proprjeta` tal-esponent qabel il-hrug tad-Dikjarazzjoni tal-President jivvjola d-disposizzjoni fuq imsemmija,
b. tiddikjara l-imsemmija Dikjarazzjoni Nru 78 tas-27 ta' Jannar 1986 nulla u bla ebda effett;
c. tordna li l-esponent jigi reintegrat fit-tgawdija tal-imsemmija proprjeta` tieghu;
d. tikkundanna lill-intimati jhallsu kumpens adegwat ghall-ksur tad-disposizzjonijiet fuq imsemmija, kemm qabel, kif ukoll wara l-hrug tad-Dikjarazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni."

Ghal dan ir-rikors l-intimati, b'risposta datata 8 ta' April, 1992, wiegbu hekk:

"1. Illi din hija l-ennesima volta li fi ftit xhur li qed jigu nvokati kontra l-esponenti rimedju straordinarju Kostituzzjonali ghall-allegazzjonijiet li l-bazi legali taghhom hija wahda purament fi hdan il-ligi ordinarja Civili, u din l-Onorabbli Qorti, ghalhekk hija umilment mitluba tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha straordinarji Kostituzzjonali.

2. L-allegazzjoni tar-rikorrent li l-intimati dahlu fl-art tieghu abuzivament u illegalment fin-nuqqas ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali antecedenti (allegazzjoni li l-esponenti jichdu bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt) mhiex sufficjenti biex teradika u jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-

Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent, biex jissalvagwardja d-drittijiet pretizi minnu, seta', fuq il-bazi ta' dik l-allegazzjoni tieghu, facilment jinibixxi lill-esponenti milli jidhlu fil-proprjeta` tieghu, jiddemoluha u jergghu jibnuha kif xtaqu l-esponenti. Ir-rikorrent kellu zmien sufficjenti biex jagixxi.]

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar jekk l-art in kwistjoni effettivament gietx akkwistata ghal skop pubbliku jew le, l-esponenti sejrin jippruvaw li jezisti l-iskop pubbliku li trid il-ligi bl-aktar mod konvincenti waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern."

L-ewwel Qorti, apparti li lliberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet jirrigwardaw l-allegat ksur ta' l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, cahdet it-talbiet tar-rikorrent kif minnu dedotti wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Li r-rikorrenti, fl-att promotorju tieghu, jillamenti li '…. zmien ilu l-awtoritajiet dahlu fil-proprjeta` ta' l-esponenti, waqghu parti sostanzjali minnha, regghu bnewha fejn u kif deherilhom u hadulu 136.1 metri kwadri minnha'.

Aktar `l lura, fl-istess att, jispecifika li '….. sussegwentement, bis-sahha ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta numru 79 tas-27 ta' Jannar, 1986, gie dikjarat illi din l-art ga mehuda kienet mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skopijiet pubblici'.

Dna it-tehid forzat ta' din il-proprjeta` privata tar-rikorrenti, fil-fehma tieghu, jikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anke ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, hu car li r-rikjam tar-rikorrenti huwa wiehed mhux biss kostituzzjonali izda wkoll wiehed konvezjonali u protokollari.

Ghandu jinghad li bl-introduzzjoni ta' l-Att XIV tas-sena 1987 partijiet mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u l-Hames Protokoll mal-Konvenzjoni saru parti mil-Ligi sostantiva ta' Malta.

Skond l-Artikolu 7 ta’ l-imsemmi Att XIV tal-1987, pero`, ‘Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali mwettqa qabel it-30 ta’ April, 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta’ azzjoni taht l-Artikolu 4 ta’ dan l-att’.

Issa, billi jirrizulta li l-ispossessament sar qabel id-data tat-30 ta’ April, 1987, ghandu jsegwi li din il-Qorti m`ghandhiex poter guridizzjonali, a tenur ta’ l-Artikolu 4 ta l-imsemmi Att, biex tiddeciedi dwar l-allegat ksur tad-Drittijiet Fondamentali garantiti bil-Konvenzjoni.

Ghalhekk, din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkonsidra jekk dak li qieghed jillamenta minnu r-rikorrenti jikkostitwix ksur tal-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni.

Ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-kontendenti li r-rikorrenti gie ipprivat mill-proprjeta` bis-sahha tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet tikkonsisti f`Razzett u bicca art mieghu li kienu jinsabu f`Notabile Road, Zebbug. Qieghed jinghad ‘li kienu jinsabu f`Notabile Road, Zebbug’ ghaliex dan ir-razzett twaqqa’ fis-sena 1985 u kemm l-art sottostanti kif ukoll dik il-bicca art li kellu mieghu gew inkorporati, kwazi fl-intierezza taghhom, fi progett ta twessiegh ta’ triq.

L-ewwel lanjanza tar-rikorrenti hija li dan it-twaqqiegh u konsegwenti tehid tal-proprjeta` tieghu jammonta ghal ksur ta l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ghaliex biex sar dan it-twaqqiegh u tehid in-nies tal-Gvern kellhom bilfors jidhlu fl-istess proprjeta` u b`hekk gew li kisru l-protezzjoni tad-dritt fondamentali ghal ‘daru’.

Inoltre, r-rikorrenti jillamenta li, ghalkemm id-dikjarazzjoni Presidenzjali Numru 78 tas-27 ta’ Jannar, 1986 iddikjarat illi din l-art, ga mehuda, kienet mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skopijiet pubblici, l-fatti kienu juru xort`ohra ghaliex, fil-verita`, l-intenzjoni kienet li jigi akkomodat il-privat, certu Lorry Zammit.

L-intimati, fl-ewwel lok, issottomettew (ara nota a fol. 7) li r-rikorrenti seta' kieku ried adixxa lill-Qorti ordinarja biex jottjeni rimedju u, ghalhekk, ma kellux jinvoka kontra taghhom rimedju kostituzzjonali; huma, kwindi, talbu li din il-Qorti tiddeklina li tezercita s-setghat taghha a tenur ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonali.

Fil-fehma tal-Qorti, m`ghandu jkun hemm ebda dubju li r-rikorrenti seta' kieku ried talab rimedju ghall-allegat ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni quddiem il-Qorti ordinarja billi jitlobha zzomm lill-awtorita` kompetenti u lin-nies imqabbdin minnha milli jkomplu t-twaqqiegh tar-razzett in kwistjoni. Ir-rikorrenti jghid li huwa m`ghamel xejn minn dan ghaliex beza' minn xi vendikazzjoni da parti ta' Lorry Zammit, li huwa jindika bhala t-terz privat li fl-interess tieghu saret l-esproprijazzjoni obbligatorja.

Fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, pero`, ma tistax tinghad l-istess haga. Kif intqal, f`dan il-kaz ir-rikorrenti jillamenta li huwa gie spussessat mill-proprjeta` tieghu mhux <u>ghal skop pubbliku</u>, imma <u>fl-interess tal-privat</u>; u, skond l-Artikolu 6 tal-Kap. 88, 'hadd ma jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-artikoli 3 u 4 fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta'. Kwindi, hu car li r-rikorrenti ma kienx isib rimedju kieku rrivolga ruhhu lejn Qorti ordinarja ghaliex dik il-Qorti ma kienetx tkun tista' tissindika jekk it-tehid ta' l-art in kwistjoni sarx ghal skop pubbliku.

Ghalhekk, din il-Qorti qeghda tipprevalixxi ruhha mill-precitat Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha fir-rigward biss ta' l-allegat ksur ta' l-Artikolu 38 billi tinsab sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju <u>kienu disponibbli</u> ghar-rikorrenti; ghalhekk, tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu li t-talbiet jirrigwardaw dan l-allegat ksur.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti jidhrilha li bhala Qorti ta' kontroll kostituzzjonali ghandha kull dritt li tissindika jekk verament dak li sar mill-Gvern, fil-konfront tar-rikorrenti, kienx immirat <u>ghal skop pubbliku in konformita` ma garanzija legali li kienet in vigore sa qabel it-30 ta' April, 1987.</u>

Hawnhekk, il-Qorti thoss li ghandha tenfasizza li m`huwiex necessarju, ghall-kaz prezenti, li toqghod tezamina u tippronunzja ruhha dwar id-distinzjoni u/jew identita` taz-zewg frazijiet <u>skop pubbliku u interess pubbliku</u> u jekk jesprimux kuncett wiehed jew tnejn ghaliex meta saret id-Dikjarazzjoni tal-President tas-27 ta' Jannar, 1986 huwa l-iskop pubbliku li kellu jkunu prezenti u mhux l-<u>interess pubbliku.</u>

Kif jispjega l-Artikolu 2 tal-Kap. 88, 'skop pubbliku' jfisser kull skop 'li ghandu x`jaqsam ma' l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x`jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) jew ma jew ghall-ippjantar ta' l-ibliet'.

Fil-kaz fl-ismijiet 'Mary Rose Zahra et vs Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et', li kien deciz minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-10 ta' Lulju, 1995 kien gie pruvat li bl-akkwist da parti tal-Gvern ta' l-art li kienet proprjeta` tar-rikorrenti kien ser jigi mqieghed f`posizzjoni favorevoli l-privat ukoll.  Madankollu, l-Qorti kienet tal-fehma li 'l-akkwist irid jitqies fil-kuntest tal-antecedenti kollha li jmorru lura sal-1963 meta saret 'scheme' orginali. Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz.  Difatti, l-ahhar proviso tal-art. 5 jikkontempla hekk:  'izda b`dan ukoll illi meta l-art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom ta' terza persuna ghal skop li ghandu x`jaqsam ma' jew iservi ghal interess pubbliku jew utilita` pubblika, l-akkwist ghandu, f`kull kaz, isir b`xiri assolut'.  U f`dan il-kaz jigi osservat li l-akkwist sar skond dan il-proviso'.

Issa, fil-kaz in ezami, kien hemm antecedenti mhux hazin ukoll.  Jirrizulta li t-talba ghall-espropriju kienet giet mill-Public Works ghall-attenzjoni tal-Kummissarju ta' l-Artijiet

fis-sena 1975 u, billi l-art in kwistjoni kienet tikkwalifika bhala "'Building site', d-Dipartiment tal-Lands ezamina bir-reqqa din it-talba maghmula mill-Public Works u, fil-fatt, il-perit tad-Dipartiment nizzel minuta, fil-file relattiv, li tghid hekk: 'In my opinion the eventual realignment of the road as indicated is inevitable'. Fis-sena 1977, id-Dipartiment ta' l-Artijiet kiteb lid-Dipartiment tax-Xogholijiet biex jergghu jikkonfermaw li l-esproprju kellu jsir. Din il-konferma waslet fis-sena 1985 u, ghalhekk, tal-Lands baqghu ghaddejjin bil-proceduri necessarji. Mill-files dipartimentali jirrizulta li dan l-espropriju ta' art kien parti min Progett li kien jirrigwarda t-triq kollha li taghti minn Haz-Zebbug ghall-Imdina, dak li llum nafu bhala l-By Pass.

Originarjament, skond dan il-Progett, il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet ser tigi milquta minn kwazi xejn sa kwazi ftit aktar minn 60cm u dan biex isservi ghar-'road widening' tat-triq li tinsab murija b`outline irqiq fuq il-pjanta Dokument AFV, li kienet l-ahhar pjanta li kienet f`idejn id-Dipartiment tal-Lands.

Gara, pero`, li finalment lir-rikorrenti gew li kienu hadulu hafna aktar minn dak li jinsab indikat fl-imsemmija pjanta u dan ghaliex il-progett imbidel u t-triq dahlet hafna aktar `l gewwa fil-proprjeta` u, kif giet maghmula l-'alignment' tat-triq, din effettivament twasslet ghal go 'Petrol Station' ghaliex jekk wiehed jibqa` sejjer ghad-dritt u ma jghaddix ghal din il-'Petrol Station' huwa jsib hajt quddiemu (ara ritratt Dok. P.T. 2 – a fol. 97).

Din il-'Petrol Station' jirrizulta li hija ta' proprjeta` ta' Lorry Zammit pero` ma jirrizultax mill-files dipartimentali li kien hemm xi pjan fiz-zona in kwistjoni biex din issir. Lanqas ma jirrizulta li hemm xi permess mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti biex din tkun tista' tithaddem.

Madankollu, r-rikorrenti jsostni li l-art tieghu giet esproprijata fl-interess ta' dan Lorry Zammit.

L-intimati ma jaqblux ma' din il-pretensjoni. Huma jissottomettu li l-esproprju ta' l-art tar-rikorrenti u dik ta'

terzi saret ghat-twessiegh tat-triq u, fir-rigward ta l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-tehid sar fl-interess ta' terz privat, cioe Lorry Zammit, huma jirrispondu li, f`kazi bhal dan, dejjem ghandek il-persuna li tkun qeghda tissubixxi l-esproprju li tissuspetta li dak li sar, ikun sar fl-interess ta haddiehor u a skapitu taghha.

Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu <u>saret biex takkomoda l-interessi ta terz privat</u> (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta dan it-terz), b`daqshekk m`hux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat fl-Art. 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop 'li ghandu x`jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)' u m`hemmx dubju li 'Petrol Station' hija 'ghall-qadi tal-pubbliku'.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif gie sottomess mir-rikorrenti fir-rikors tieghu,"

L-appellant Salvatore Abdilla ghandu diversi aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta *ex officio* ssollevat l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319. L-appellant jinvoka in sostenn ta' dan l-aggravju l-Artikolu 774 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (li jelenka l-kazijiet meta l-inkompetenza tal-Qorti ghandha tigi dikjarata mill-istess Qorti *ex officio*), pero` jkompli jghid li fi kwalunkwe kaz hawn si tratta mhux ta' att istantanju ta' esproprjazzjoni li sehh qabel it-30 ta' April, 1987 izda ta' "vjolazzjoni kontinwata ta' dritt fondamentali". Din il-Qorti tara li l-appellant ghandu ragun fuq dan il-punt. Kif din il-Qorti (diversament komposta) kellha l-okkazzjoni tfisser fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru, 2001 fl-ismijiet

***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et***, anke jekk wiehed kellu jassumi li l-awtoritajiet dahlu fil-proprjeta` tal-appellant in forza tad-Dikjarazzjoni tal-President maghmula taht il-Kap. 88 (haga li l-appellant jikkontesta, kif ser naraw aktar 'l quddiem), tali Dikjarazzjoni hi biss il-bidu tal-process ta' esproprjazzjoni, b'mod li l-interferenza mad-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta' dak li jkun (Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea) tibqa' tipperdura sakemm dak li jkun jibqa' ma jkunx jista' jgawdi tali possedimenti u qabel ma jsir it-trasferiment effettiv tal-proprjeta` bil-pubblikazzjoni ta' l-att ta' akkwist kif previst fl-istess Kap. 88. S'intendi, jekk tali interferenza tkunx tammonta ghal lezjoni ta' wiehed jew aktar mit-tlett principji jew regoli kontenuti fl-Artikolu 1 imsemmi ikun jiddependi minn jekk, fost affarijiet ohra, tali interferenza tkunx saret in esekuzzjoni tal-ligijiet tal-pajjiz kif ukoll jekk ikunx hemm "a fair balance" bejn il-htigijiet generali tal-komunita` li f'isimha tkun saret dik l-interferenza u l-htiega li jigu protetti d-drittijiet fondamentali ta' dak li jkun fir-rigward tal-proprjeta` tieghu. Fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li meta l-appelllant intavola r-rikors tieghu quddiem il-Prim Awla (fit-3 ta' April, 1992) l-interferenza mal-possedimenti tieghu kienet ghadha qed issehh, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li *"…m'ghandhiex poter gurisdizzjonali, a tenur tal-Artikolu 4 ta' l-imsemmi Att, biex tiddeciedi dwar l-allegat ksur tad-Drittijiet Fondamentali garantiti bil-Konvenzjoni"*. Konsegwentement din il-Qorti sejra tinvesti l-kwistjoni fid-dawl ukoll tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tieni aggravju tal-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rriteniet li l-proprjeta` tieghu kienet ittiehdet in forza, ossia skond, xi ligi. Dan l-aggravju hu migjub hekk mill-appellant:

***Il-Qorti qalet "li ma jidhirx li hemm kontrast bejn il-kontendenti li r-rikorrent gie privat mill-proprjeta` bis-sahha tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta". Dan huwa kontestat. Il-paragrafu 3 u 4 tar-Rikors promotur jaghmlu car li t-tehid materjali sar qabel harget id-dikjarazzjoni tal-President u ghalhekk ma sarx in forza***

***ta' xi ligi. Infatti t-talba (a) tar-Rikors kienet intiza ezattament biex jigi dikjarat li t-tehid ma sarx skond jew in forza ta' ligi.***

L-appellant anke hawn jidher li ghandu ragun. Hu dejjem ikkontenda fid-deposizzjonijiet tieghu li minghajr ebda preavviz u qabel ma kienet harget id-Dikjarazzjoni Presidenzjali fl-1986, l-awtoritajiet gia fl-1985 kienu dahlu fil-proprjeta` tieghu u waqqghu ir-razzett. Li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali harget biss fl-1986 gie kkonfermat mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet Adriano Gouder fid-deposizzjoni tieghu tas-27 ta' Mejju, 1993 (fol. 54 tal-process). Id-deposizzjoni tar-rikorrent li r-razzett twaqqa' fl-1985 ma giet b'ebda mod kontradetta, anqas mid-deposizzjoni, pjuttost konfuza, tal-Perit AIC Anthony Fenech Vella (prodott mill-istess rikorrent, fol. 46). L-aktar li wiehed jista' jikkonkludi mid-deposizzjoni ta' dana l-Perit hu li r-rikorrent f'xi zmien qabel l-1987 (u meta r-razzett kien ghadu kollu wieqaf) kellu hjiel li minhabba t-twessiegh tat-triq kienet ser tittehidlu xi parti mill-proprjeta` tieghu u ghalhekk qabbad lil dana l-Perit biex jaghmel certi kalkoli u jiehu certi mizurazzjonijiet; u li wara ittehditlu aktar art milli kien ikkalkola l-imsemmi Perit. Stabbilit dan, jibqa' pero` biex jigi kkunsidrat jekk kif appena l-appellant sar jaf li l-awtoritajiet kienu dahlulu fil-proprjeta` tieghu u/jew waqqghulu r-razzett kellux mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat b'mod li ghalhekk l-ewwel qorti kienet gustifikata li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' l-Artikolu 38 ta' l-istess Kostituzzjoni (u, in vista ta' dak li jinghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, is-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 fir-rigward ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll). U dan igibna ghat-tielet aggravju tal-appellant, u cioe` dwar l-ezawriment tar-rimedju jew rimedji ordinarji.

It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rrifjutat li taghti rimedju ghall-allegat ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ghax irriteniet li huwa kellu mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat. Jilmenta l-appellant in partikolari li huwa ozjuz li tghid li huwa seta' jitlob lill-Qorti ordinarja li zzomm lill-awtoritajiet

milli jkomplu jwaqqghu peress li meta sar jaf bit-twaqqiegh ir-razzett kien gia gie demolit. *"Lanqas seta' jagixxi ghar-reintegrazzjoni tal-proprjeta`, ghax xi zmien wara harget id-Dikjarazzjoni tal-President ghall-esproprjazzjoni ta' dik l-art u dan irrenda inazzjonabbli l-agir ta' l-intimati."* Minn naha taghhom, l-appellati jirribattu hekk:

***Dwar ir-rimedju ordinarju jinghad li talvolta r-rikorrent appellanti jammetti li t-talba tar-rikors kienet intiza ezattament biex jigi dikjarat li t-tehid ma sarx skond jew in forza ta' ligi (allegatament ghax ma kienitx ghadha harget id-Dikjarazzjoni Presidenzjali relativa), ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent appellanti kien li jattakka l-validita` tal-esproprjazzjoni u jitlob il-likwidazzjoni tad-danni konsegwenzjali.***

Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma' l-appellati (u konsegwentement anqas ma' l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz <u>xieraq</u> ta' rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista' ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista' jkun hemm ezitu favorevoli. Fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo*, anke li kieku l-appellant beda kawza ghad-danni jew kawza ta' spoll, dawn il-kawzi kienu jigu fix-xejn b'effett tas-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 12[1] tal-Kap. 88

[1] (2) Fi zmien erbatax-il gurnata mill-gurnata tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, mehtiega taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9, ta' dikjarazzjoni [tal-President ta' Malta], is-sid ta' l-art, jew min jokkupaha, jekk ikun hemm, ghandhom jaghtu f'idejn l-awtorita` kompetenti l-pussess taghha…

(3) Wara li jghaddi z-zmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu l-awtorita` kompetenti tista' minghajr ebda formalita` ohra tidhol f'din l-art u tiehu pussess taghha jew tawtorizza lil xi hadd biex jidhol f'din l-art u jiehu pussess taghha u, minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm fuq din l-art b'kull ligi ohra jew b'kull dokument jew xort'ohra, taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra tkun li tkun li xi hadd li jkollu interess illimitat f'din l-art ikollu jedd li jaghmel bis-sahha ta' dak l-interess salv l-obbligu ta' xi awtorita` kompetenti li terga' tqieghed kif kienet l-art jew thallas kumpens ghal kull dannu maghmul jekk fil-kazijiet permessi f'din l-Ordinanza l-akkwist ma jkunx tkompla.

ftit wara li ssir id-Dikjarazzjoni Presidenzjali li effettivament jirrizulta li saret. Ghalhekk dana t-tielet aggravju ta' l-appellant huwa wkoll fondat.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rriteniet li l-esproprjazzjoni ta' l-art tieghu saret ghal skop pubbliku jew fl-interess pubbliku. Skond l-appellant l-art tieghu ttiehdet biex jigi vvantaggat certu Lorry Zammit li, mhux 'l boghod min fejn kellu l-art l-appellant, kellu l-hsieb li jiftah *petrol station* (din il-*petrol station* spiccat biex ma fethet qatt). Skond l-appellant, bl-art li ttehditlu it-triq twessghet b'tali mod li giet kwazi tizbokka go din il-*petrol station* li kienet ippjanata, b'mod li min ikun ghaddej mit-triq jispicca effettivament ikollu jidhol, irid jew ma jridx, f'din il-*petrol station*, b'vantagg ekonomiku evidenti ghall-istess Zammit. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti, wara li fissret kif originarjament kellha tittiehed bicca zghira mill-proprjeta` tal-appellant ghall-finijiet ta' twessiegh tat-triq izda wara l-awtoritajiet spiccaw biex hadu ferm aktar milli kien originarjament ippjanat, kompliet hekk:

***Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu <u>saret biex takkomoda l-interessi ta' terz privat</u> (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta' dan it-terz), b'daqshekk mhux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop "li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)"*** [2] ***u m'hemmx dubbju li 'Petrol Station' hija ghall-qadi tal-pubbliku.***

Din il-Qorti ma tarax, fid-dawl tal-provi kollha f'dan il-kaz, li ghandha b'xi mod ticcensura dan il-bran tas-sentenza

[2] Hawnhekk l-ewwel Qorti kienet evidentement qed tikkwota mid-definizzjoni ta' "skop pubbliku" moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88.

appellata. Kif din il-Qorti, diversament komposta, kellha l-okkazjoni li tfisser fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet ***Mario Cutajar noe. v. Il-Kummissarju ta' l-Art et***,

**Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".**[3]

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (1) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-intimati (appellati) mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet tar-rikorrent (appellant) jirrigwardaw l-allegat ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, (2) thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel talba tar-rikorrent u minflok tilqa' din l-ewwel talba u konsegwentement tiddikjara li bit-tehid tal-proprjeta` tar-rikorrent qabel il-hrug tad-Dikjarazzjoni tal-President gew vjolati l-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, (3) thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet ir-raba' talba tar-rikorrent u minflok tilqa' din it-talba limitatament kif gej u cioe` billi tikkundanna lill-appellati sabiex ihallsu solidament bejniethom lill-appellant Salvatore Abdilla s-somma ta' mitt lira (Lm100) bhala kumpens ghall-vjolazzjoni msemmija; u (4) salv dak li ser jinghad dwar il-

[3] Ara wkoll Alastair Mowbray ***Cases and Materials on the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 2001, pp. 666-668.

kap ta’ l-ispejjez, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mir-rikorrent appellant u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi (2/3) mill-intimati appellati solidament bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------